MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Numru 316/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Denise Mula**
**V**

**CHEN AIZHU**
**CHEN SHILONG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHEN AIZHU** ta' disgha w ghoxrin sena ta' nazzjonalita Ciniza, bint Chen Zheng Lung u Guo Yi Zhu, imwielda Fujian fid-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 1974 u detentrici ta' passaport Ciniz numru G 05935291 u **CHEN SHILONG** ta' hamsa w ghoxrin sena ta' nazzjonalita Ciniz, imwieled Fujian fil-hamsa ta' Novembru 1979 u detentur ta' passaport Ciniz numru G 149470710 gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli matul l-ahhar jiem qabel d-dsatax ta' April 2004, f'dawn il-Gzejjer, iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passport jew uzaw jew kellhom

ghandhom passaporti li huma jafu li gew ffalsifikati, mibdula jew li sar tibdil fihom;

2. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

3. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala persuni li nizlu jew telqu minnMalta ghamlu jew gieghlu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghoxrin ta' April 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Qiset ai fini ta' piena l-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-ko-operazzjoni tal-imputati mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputati odjern.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi hija thoss li l-piena karcerarja ghandha tkun wahda sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 5 tal-Kap 61, l-artikolu 198 tal-Kap 9 u l-artikolu 32(1)( c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lli ssib lil imputati CHEN AIZHU** u **CHEN SHILONG hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tikkundannhom ghal piena karcerarja ta' tmin xhur sospizi ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservawha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------